Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Awwissu 2018**
**(OR. en)**

**11669/18**

**ENER 291**
**ENV 563**
**MARE 12**
**COMAR 26**
**PROCIV 56**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Awwissu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 595 final |
| Suġġett: | RAPPORT MILL-KUMMISSJONI Rapport Annwali dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore fl-Unjoni Ewropea għall-2016 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 595 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 595 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.8.2018
COM(2018) 595 final

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## Rapport Annwali dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore fl-Unjoni Ewropea għall-2016

MT MT

# Werrej


1. INTRODUZZJONI ........ 2

2. BAŻI ĠURIDIKA ........ 3

3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI ........ 3

4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA ........ 4

   4.1 Impjanti u produzzjoni ........ 4

   4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore ........ 7

5. ID-*DATA* DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE ........ 9

6. KONKLUŻJONIJIET ........ 10

# 1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2013/30/UE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ("id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore") tfittex li tikseb livell għoli ta' sikurezza għat-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet. Is-saħħa tal-ħaddiema, l-ambjent, il-pjattaformi u t-tagħmir għall-operazzjonijiet offshore u għall-attivitajiet ekonomiċi bħas-sajd u bħat-turiżmu jibbenefikaw minn livell għoli ta' sikurezza. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva kif implimentati mill-Istati Membri se jgħinu biex jiġu evitati aċċidenti kbar, jitnaqqas l-għadd ta' inċidenti u jinkiseb segwitu effettiv tal-aċċidenti u tal-inċidenti biex jittaffew il-konsegwenzi tagħhom.

L-iskop ta' dan ir-rapport annwali huwa li jipprovdi *data* dwar l-għadd u t-tip ta' impjanti fl-Unjoni Ewropea u li jipprovdi informazzjoni dwar l-inċidenti u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Fis-snin li ġejjin, is-sensiela ta' rapporti annwali sservi għall-monitoraġġ tal-iżvilupp kronoloġiku tal-prestazzjoni tas-sikurezza fl-Istati Membri u fir-reġjuni.

Abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-settur offshore Ewropew wera prestazzjoni tajba tas-sikurezza fl-2016.

**Sommarju Eżekuttiv**

Kif meħtieġ skont id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore u abbażi tar-rapporti annwali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni rċeviet *data* mingħand il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija u Spanja. Il-maġġoranza tal-impjanti jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Oċean Atlantiku (410), filwaqt li 165 impjant jinsabu fil-Baħar Mediterran u disa' jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

L-awtoritajiet kompetenti spezzjonaw l-impjanti offshore regolarment fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. Wara inċidenti gravi, żewġ Stati Membri wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar: ir-Renju Unit (21 minħabba tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent, waħda minħabba aċċident kbir) u n-Netherlands (waħda minħabba aċċident kbir).

Iċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri, speċifikament l-għadd u l-gravità tal-aċċidenti rrapportati, juru li l-industrija Ewropea taż-żejt u tal-gass offshore operat b'mod sikur fl-2016.

[1] ĠU L 178, 28.06.2013, p. 66.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA

Skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni meħtieġa tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza u l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tal-informazzjoni rrapportata lilha mill-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore:

Ir-rapporti annwali li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 25 għandu jkun fihom minn tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd, l-età u l-post tal-impjanti;
(b) l-għadd u t-tip ta' spezzjonijiet u ta' investigazzjonijiet imwettqa, u kwalunkwe azzjoni ta' infurzar jew kundanna;
(c) id-*data* dwar l-inċidenti skont is-sistema ta' rapportar komuni meħtieġa fl-Artikolu 23;
(d) kwalunkwe bidla kbira fil-qafas regolatorju offshore;
(e) il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

L-iskadenza li għandhom l-Istati Membri biex jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa hija l-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rapportar (eż. l-1 ta' Ġunju 2017 għall-2016).

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw billi jużaw format komuni pprovdut permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014. Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi format komuni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-operaturi u mis-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass offshore u format komuni għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-Istati Membri[2]. Dokument ta' Gwida tal-Kummissjoni[3] tal-25 ta' Novembru 2015, imfassal u maqbul mill-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore (EUOAG), jipprovdi informazzjoni speċifika ulterjuri dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u jispjega kif għandu jintuża fil-prattika l-format tar-rapportar.

## 3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI

Skont l-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, l-Istati Membri huma obbligati jippreżentaw informazzjoni definita b'mod ċar u limitata dwar l-inċidenti fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore tagħhom, billi jużaw il-mudelli pprovduti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1112/2014. Id-*data* ppreżentata trid tinkludi informazzjoni dwar l-

[2] ĠU L 302, 22.10.2014, p. 2.
[3] https://euoag.jrc.ec.europa.eu/files/attachments/2015_11_25_implementing_regulation_guidance_document_final.pdf

impjanti taż-żejt u tal-gass offshore mħaddma fl-UE bħal pereżempju l-għadd, it-tip, il-post u l-età. Ir-rapporti mill-Istati Membri jridu jipprovdu wkoll l-għadd ta' spezzjonijiet, ta' investigazzjonijiet u ta' azzjonijiet ta' infurzar offshore u jipprovdu informazzjoni dwar l-għadd ta' inċidenti skont il-kategoriji u l-għadd ta' korrimenti.

Minbarra d-*data* dwar l-Istati Membri individwali, il-Kummissjoni vvalutat il-prestazzjoni tas-sikurezza tar-reġjuni. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni tqis lill-Ġermanja, lid-Danimarka, lil Franza, lir-Renju Unit, lill-Irlanda u lin-Netherlands bħala l-grupp "Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku"; Spanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja u Malta bħala l-grupp "Il-Mediterran"; Il-Bulgarija u r-Rumanija bħala l-grupp "Il-Baħar l-Iswed"; u l-Latvja u l-Polonja bħala l-grupp "Il-Baħar Baltiku".

Għar-rapport annwali tagħha dwar is-sikurezza, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mingħand il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Renju Unit, ir-Rumanija u Spanja. L-Istati Membri l-oħra ma kinux attivi fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore jew ma ppreżentawx informazzjoni rilevanti għal dan ir-rapport.

Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, l-Istati Membri b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore pprovdew *data* kompluta dwar l-impjanti kollha tagħhom. B'kuntrast ma' dan, ir-Renju Unit illimita partijiet mir-rapport tiegħu dwar is-sikurezza offshore għal impjanti li kienu soġġetti għal rieżami regolatorju tad-dokumentazzjoni tagħhom tal-valutazzjoni tar-riskji (il-paragrafu 2 tal-Artikolu 42 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore). Għaldaqstant, l-informazzjoni mir-Renju Unit dwar id-*data* u l-prestazzjoni tal-investigazzjonijiet, tal-azzjonijiet ta' infurzar, u dwar l-inċidenti ta' operazzjonijiet offshore hija limitata għal 129 impjant minn total ta' 225 impjant.

Sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-Istati Membri, il-Kummissjoni qabblet l-inċidenti u l-aċċidenti kbar b'rabta mal-għadd tal-persunal u mas-sigħat tax-xogħol għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

# 4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA

## 4.1 Impjanti u produzzjoni

Il-maġġoranza l-kbira tal-impjanti offshore fl-ilmijiet tal-UE jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana, speċifikament fir-Renju Unit u fin-Netherlands (madwar 38 % u 26 % tal-impjanti offshore fl-ilmijiet tal-UE rispettivament). Fil-Mediterran, l-Italja hija l-iktar Stat Membru attiv, segwita mill-Kroazja. Fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, ir-Rumanija għandha industrija taż-żejt u tal-gass offshore u l-Bulgarija bdiet l-attivitajiet ta' esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass offshore. Skont ir-rapporti li waslu mingħand l-Istati Membri bi xtut mal-Baħar Baltiku, il-Polonja biss tipproduċi ż-żejt u l-gass offshore f'din iż-żona (ara t-Tabella 1).

*Tabella 1: Impjanti fissi: "Tip ta' impjant", skont ir-reġjun u l-Istat Membru*

| **Reġjun/Pajjiż** | **Tip ta' impjant (*)** |
|---|---|

| | | FMI | FNP | FPI | NUI | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Baħar Baltiku** | | **1** | **0** | **0** | **1** | **2** |
| | Il-Polonja | 1 | 0 | 0 | 1 | **2** |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **8** | **0** | **0** | **1** | **9** |
| | Il-Bulgarija | 0 | 0 | 0 | 1 | **1** |
| | Ir-Rumanija | 8 | 0 | 0 | 0 | **8** |
| **Il-Mediterran** | | **16** | **0** | **3** | **146** | **165** |
| | Il-Kroazja | 2 | 0 | 0 | 18 | **20** |
| | Il-Greċja | 1 | 0 | 0 | 1 | **2** |
| | L-Italja | 12 | 0 | 3 | 125 | **140** |
| | Spanja | 1 | 0 | 0 | 2 | **3** |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | **158** | **1** | **21** | **211** | **410** |
| | Id-Danimarka | 10 | 0 | 0 | 19 | **29** |
| | Il-Ġermanja | 2 | 0 | 0 | 0 | **2** |
| | L-Irlanda | 1 | 0 | 0 | 1 | **2** |
| | In-Netherlands | 56 | 0 | 0 | 96 | **152** |
| | Ir-Renju Unit | 89 | 1 | 21 | 114 | **225** |
| **Total** | | **182** | **1** | **24** | **359** | **586** |

(*) FMI – impjant fiss, bl-ekwipaġġ; FNP – impjant fiss, mhux tal-produzzjoni; FPI – impjant f'wiċċ l-ilma, tal-produzzjoni NUI – impjant (li normalment) mhux bl-ekwipaġġ

Il-biċċa l-kbira tal-impjanti offshore fl-ilmijiet tal-UE ġew stabbiliti bejn l-1980 u s-sena 2000. Mill-2010 'il hawn, l-iżvilupp ta' impjanti ġodda tal-produzzjoni naqas notevolment fil-Baħar tat-Tramuntana, fir-reġjun tal-Atlantiku u fil-Baħar Mediterran (it-Tabella 2 u l-Illustrazzjoni 1). Fl-Anness I, ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali dettaljata lejn is-sena tal-kostruzzjoni tal-impjanti skont l-Istati Membri.

Il-biċċa l-kbira (madwar 94 %) taż-żejt u tal-gass domestiċi tal-UE tiġi prodotta fil-Baħar tat-Tramuntana u fir-reġjun tal-Atlantiku (it-Tabella 3). Ir-Renju Unit huwa b'qabża kbira l-iktar kontributur importanti segwit min-Netherlands u mid-Danimarka. Min-naħa l-oħra, l-Italja u l-Kroazja huma produtturi attivi fil-Baħar Mediterran, filwaqt li attwalment ir-Rumanija biss għandha output notevoli taż-żejt u tal-gass fil-Baħar l-Iswed.

*Tabella 2: Għadd ta' impjanti operattivi, skont id-deċennju u r-reġjun*

| Sena tal- | REĠJUN |
|---|---|

| kostruzzjoni | Il-Baħar Baltiku | Il-Baħar l-Iswed | Il-Mediterran | Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku | Total tal-UE |
|---|---|---|---|---|---|
| **1960-1969** | 0 | 0 | 7 | 23 | **30** |
| **1970-1979** | 0 | 1 | 14 | 55 | **70** |
| **1980-1989** | 0 | 7 | 51 | 99 | **157** |
| **1990-1999** | 1 | 0 | 42 | 118 | **161** |
| **2000-2009** | 1 | 1 | 41 | 69 | **112** |
| **2010-2019** | 0 | 0 | 10 | 36 | **46** |
| **Total tal-UE** | 2 | 9 | 165 | 400 | **576** |

*Tabella 3: Il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE f'kilotunnellati ta' ekwivalent taż-żejt (ktoe)*

| REĠJUN | Pajjiż | ktoe | % tat-Total tal-UE |
|---|---|---|---|
| **Il-Baħar Baltiku** | | **122,91** | **0,11 %** |
| | Il-Polonja | 122,91 | 0,11 % |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **1558,89** | **1,34 %** |
| | Il-Bulgarija | 61,78 | 0,05 % |
| | Ir-Rumanija | 1497,11 | 1,29 % |
| **Il-Mediterran** | | **5462,40** | **4,71 %** |
| | Il-Kroazja | 867,89 | 0,75 % |
| | Il-Greċja | 180,51 | 0,16 % |
| | L-Italja | 4217,00 | 3,63 % |
| | Spanja | 197,00 | 0,17 % |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | **108932,45** | **93,85 %** |
| | Id-Danimarka | 11341,00 | 9,77 % |
| | Il-Ġermanja | 1038,09 | 0,89 % |
| | L-Irlanda | 130,88 | 0,11 % |
| | In-Netherlands | 13853,00 | 11,93 % |
| | Ir-Renju Unit | 82569,48 | 71,13 % |
| **Total** | | **116076,65** | **100,00 %** |




*Illustrazzjoni 1: Impjanti fissi ġodda skont id-deċennju u r-reġjun*

## 4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore

Mhux l-Istati Membri kollha setgħu jistabbilixxu awtoritajiet kompetenti li jiffunzjonaw sal-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore (id-19 ta' Lulju 2015). Fil-bidu tal-perjodu tar-rapportar fl-2016, żewġ Stati Membri b'impjanti offshore kienu għadhom ma implimentawx għalkollox id-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore u kienu għandhom qed ikomplu jaħdmu fuq dan il-kompitu.

It-Tabella 4 tindika l-għadd ta' spezzjonijiet offshore. Minbarra l-analiżi tar-rapporti formali dwar l-aċċidenti, l-investigazzjonijiet u s-segwitu tagħhom huma l-għodda prinċipali għall-infurzar tar-regoli dwar is-sikurezza u l-ambjent u tal-leġiżlazzjoni fis-settur offshore. L-għadd ta' spezzjonijiet is-soltu jiżdied skont l-għadd ta' impjanti. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Italja u tal-Ġermanja wettqu għadd relattivament għoli ta' spezzjonijiet b'rabta mal-għadd ta' impjanti meta mqabbla ma' Stati Membri oħra.

L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore jistabbilixxi l-poter li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkollhom fir-rigward tal-operazzjonijiet u tal-impjanti. Dawn jistgħu jipprojbixxu l-operazzjonijiet u jitolbu li jittieħdu miżuri sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji għall-prevenzjoni tal-aċċidenti u għall-iżgurar ta' operazzjonijiet sikuri. L-Istati Membri li jipproduċu ż-żejt u l-gass fir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana biss wettqu dawn l-azzjonijiet ta' infurzar jew kundanni rapportabbli (10 fl-2016).

L-awtoritajiet kompetenti spezzjonaw l-impjanti offshore regolarment fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. Wara inċidenti gravi, żewġ Stati Membri wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar: ir-Renju Unit (21 minħabba tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent, wieħed minħabba aċċident kbir) u n-Netherlands (wieħed minħabba aċċident kbir). L-għadd ta' aċċidenti kbar jinkludi wkoll l-inċidenti b'potenzjal sinifikanti ta' mwiet jew ta' korrimenti personali gravi, anke jekk dawn ma wasslux għal dan l-eżitu.

Ir-Renju Unit ħa seba' azzjonijiet ta' infurzar, b'mod prinċipali avviżi ta' titjib, għall-129 impjant inklużi f'din il-parti tar-rapport tiegħu (minn 225 impjant), in-Netherlands tnejn (multi amministrattivi) u l-Irlanda waħda. Bil-qafas regolatorju, l-Istati Membri għamlu progress ulterjuri fl-infurzar tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore permezz tal-implimentazzjoni ta' regoli u ta' regolamenti nazzjonali. L-Italja rrapportat li żviluppat miżuri addizzjonali dwar it-tħejjija u r-rispons għall-emerġenzi bħala parti mill-kooperazzjoni Mediterranja.

*Tabella 4: Għadd ta' spezzjonijiet offshore skont ir-reġjun u l-Istat Membru fl-2016*

| REĠJUN | Pajjiż | Spezzjonijiet | Jiem tax-xogħol ta' bniedem wieħed fuq l-impjant (mingħajr il-ħin tal-ivvjaġġar) | Għadd ta' impjanti spezzjonati |
|---|---|---|---|---|
| **Il-Baħar Baltiku** | | **4** | **14** | **2** |
| | Il-Polonja | 4 | 14 | 2 |
| **Il-Baħar l-Iswed** | | **1** | **1** | **1** |
| | Il-Bulgarija | 1 | 1 | 1 |
| | Ir-Rumanija | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Mediterran** | | **424** | **431** | **121** |
| | Il-Kroazja | 22 | 22 | 20 |
| | L-Italja | 401 | 408 | 100 |
| | Spanja | 1 | 1 | 1 |
| **Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku** | | **306** | **1466,5** | **257** |
| | Id-Danimarka | 14 | 50 | 15 |
| | Il-Ġermanja | 11 | 11 | 2 |
| | L-Irlanda | 3 | 11 | 1 |
| | In-Netherlands | 68 | 72 | 49 |
| | Ir-Renju Unit | 210 | 1322,5 | 190 |
| **Total** | | **735** | **1912,5** | **381** |

## 5. ID-*DATA* DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE

Mill-Istati Membri kollha li huma attivi fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, ir-Renju Unit, in-Netherlands u d-Danimarka rrapportaw l-inċidenti:

- ir-Renju Unit: 27 avveniment rapportabbli (skont l-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore), inkluż aċċident kbir; ir-rapport tar-Renju Unit ikopri 129 impjant (minn total ta' 225). Fir-rapport annwali tiegħu, ir-Renju Unit ma ppreżentax dettalji addizzjonali dwar l-aċċident kbir, li kien għadu qed jiġi investigat.
- in-Netherlands: 13-il avveniment rapportabbli (skont l-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore), inkluż aċċident kbir. Il-kawżi tal-aċċident kbir kienu żbalji proċedurali/organizzattivi u żball operazzjonali.
- Id-Danimarka: Żewġ avvenimenti rapportabbli (skont l-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore) u l-ebda aċċident kbir.

Mill-avvenimenti rapportabbli, il-maġġoranza kienu jiffurmaw parti mill-kategorija ta' rilaxxi mhux intenzjonati (59,5 % mit-total), 26,2 % kienu jikkonċernaw it-telf ta' kontroll tal-bjar (attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi), 7,1 % kienu ħsarat f'elementi kritiċi tas-sikurezza u tal-ambjent (SECE) u 4,8 % kienu telf tal-integrità strutturali. Wieħed mill-inċidenti kien jeħtieġ l-evakwazzjoni tal-persunal.

*Tabella 5: Inċidenti skont il-kategoriji (l-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, fil-livell tal-UE)*

| Kategoriji tal-Anness IX | Għadd ta' avvenimenti | Il-persentaġġ (mit-Total tal-Kategoriji) | Il-persentaġġ (mit-Total tal-Avvenimenti) |
|---|---|---|---|
| **(a) Rilaxxi mhux intenzjonati** | **25** | **59,5 %** | **59,5 %** |
| Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Nirien | 0 | 0,0 % | 0,0 % |
| Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Splużjonijiet | 0 | 0,0 % | 0,0 % |
| Rilaxxi ta' gass li ma ħax in-nar | 13 | 52,0 % | 31,0 % |
| Rilaxxi ta' żejt li ma ħax in-nar | 7 | 28,0 % | 16,7 % |
| Rilaxxi ta' sustanzi perikolużi | 5 | 20,0 % | 11,9 % |
| **(b) Telf ta' kontroll tal-bjar** | **11** | **26,2 %** | **26,2 %** |
| Żbroffi | 0 | 0,0 % | 0,0 % |
| Attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi | 11 | 100,0 % | 26,2 % |
| Ħsara fl-ilqugħ tal-bjar | 0 | 0,0 % | 0,0 % |
| **(c) Ħsarat fis-SECE** | **3** | **7,1 %** | **7,1 %** |
| **(d) Telf tal-integrità strutturali** | **2** | **4,8 %** | **4,8 %** |
| Telf tal-istabbiltà/tal-kapaċità taż-żamma f'wiċċ l-ilma | 0 | 0,0 % | 0,0 % |
| Telf tal-istabbiltà fl-istess post | 1 | 50,0 % | 2,4 % |
| Telf tal-integrità strutturali | 1 | 50,0 % | 2,4 % |
| **(e) Kolliżjonijiet ma' bastimenti** | **0** | **0,0 %** | **0,0 %** |
| **(f) Aċċidenti bil-ħelikopter** | **0** | **0,0 %** | **0,0 %** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **(g) Aċċidenti fatali (*)** | **0** | **0,0 %** | **0,0 %** |
| **(h) Indarbu b'mod gravi ħames persuni jew iktar fl-istess aċċident (*)** | **0** | **0,0 %** | **0,0 %** |
| **(i) Evakwazzjoni tal-persunal** | **1** | **2,4 %** | **2,4 %** |
| **(j) Aċċidenti ambjentali(**)** | **0** | **0,0 %** | **0,0 %** |
| **TOTAL** | **42** | **100 %** | **100 %** |

*(*) Jekk marbuta ma' aċċident kbir*

*(**) Skont ir-rapporti tal-Istati Membri, l-aċċidenti l-kbar ma kinux jikkwalifikaw bħala aċċidenti ambjentali.*

# 6. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tivvaluta s-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rapportar. Għaldaqstant, l-akkuratezza tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-informazzjoni li tiġi ppreżentata mill-Istati Membri. Billi dan ir-rapport annwali huwa l-ewwel wieħed dwar dan is-suġġett, għadu mhux possibbli li wieħed jagħmel paragun mas-snin preċedenti u jasal għal konklużjonijiet dwar ix-xejriet tas-sikurezza fl-UE.

Meta jitqiesu ċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri u jiġu kkunsidrati l-għadd baxx u l-livell baxx ta' gravità tal-aċċidenti rrapportati, l-industrija Ewropea taż-żejt u tal-gass offshore jidher li wriet livell adegwat ta' sikurezza. Din il-konklużjoni hija konformi mal-valutazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, pereżempju tar-Renju Unit, li jirrapportaw tnaqqis tal-okkorrenzi perikolużi u tal-frekwenza ta' korrimenti rapportabbli b'rabta mas-sigħat maħduma.

B'mod speċifiku, il-Kummissjoni tinnota li l-ebda mewta ma ġiet irrapportata fl-2016. Fil-ġejjieni, ir-rapporti, il-paraguni bejn is-snin u l-monitoraġġ tax-xejriet juru jekk is-settur offshore jistax iżomm dan il-livell ta' sikurezza jew jistax jagħmel progress ulterjuri.